



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 4 ta' Ġunju 2024
(OR. en)

10547/24
PV CONS 30
TRANS 260
TELECOM 198
ENER 266

ABBOZZ TA' MINUTI

KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA
(Trasport, Telekomunikazzjoni u Enerġija)

30 ta' Mejju 2024

1. Adozzjoni tal-aġenda

Il-Kunsill adotta l-aġenda kif tinsab fid-dokument 10234/24.

2. Approvazzjoni tal-punti "A"

a) Lista mhux leġiżlattiva

10310/24

Il-Kunsill adotta l-punti "A" kollha elenkati fid-dokument imsemmi hawn fuq, inkluż id-dokumenti lingwistiċi COR u REV kollha ppreżentati għall-adozzjoni.

Dikjarazzjoni dwar dawn il-punti tinsab fl-addendum.

b) Lista leġiżlattiva (deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea)

10311/24

Saħħa

1. Regolament li jemenda r-Regolamenti (UE) 2017/745 u (UE) 2017/746 fir-rigward tal-implimentazzjoni gradwali tal-Eudamed, l-obbligu tal-informazzjoni f'każ ta' interruzzjoni tal-provvista u d-dispożizzjonijiet tranżizzjonali għal ċerti apparati mediċi dijanjostiċi in vitro



10225/24
PE-CONS 54/24
+ COR 1
+ COR 2 (it)
SAN

Adozzjoni tal-att leġiżlattiv

approvat mill-Coreper, Parti 1, fid-29 ta' Mejju 2024

Il-Kunsill approva l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari u l-att propost ġie adottat skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (bażi legali: l-Artikolu 114 u l-Artikolu 168(4), il-punt (c), TFUE).

Ambjent

2. **Regolament li jemenda r-Regolament (UE) 2017/852 dwar il-merkurju fir-rigward tal-amalgama dentali u prodotti oħra miżjudin bil-merkurju**  10210/24
PE-CONS 53/24
ENV
Adozzjoni tal-att leġiżlattiv
approvat mill-Coreper, Parti 1, fid-29 ta' Mejju 2024

Il-Kunsill approva l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari u l-att propost ġie adottat skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (bażi legali: l-Artikolu 192(1) TFUE).

Suq Intern u Industrija

3. **Direttiva dwar il-promozzjoni tad-dritt għat-tiswija**  9378/24 + ADD 1
PE-CONS 34/24
CONSOM
Adozzjoni tal-att leġiżlattiv
approvat mill-Coreper, Parti 1, fid-29 ta' Mejju 2024

Il-Kunsill approva l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari u l-att propost ġie adottat skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, bl-Estonja u l-Latvja jastjenu (bażi legali: l-Artikolu 114 TFUE).

Dikjarazzjoni dwar dan il-punt tinsab fl-Anness.

Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji

4. **Regolament dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-finijiet tal-ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terroriżmu**  9464/1/24 REV 1
+ REV1 ADD 1
PE-CONS 36/24
EF
Adozzjoni tal-att leġiżlattiv
approvat mill-Coreper, Parti 2, fit-22 ta' Mejju 2024

Il-Kunsill approva l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari u l-att propost ġie adottat skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (bażi legali: l-Artikolu 114 TFUE).

Dikjarazzjoni dwar dan il-punt tinsab fl-Anness.

5. **Regolament li jistabbilixxi l-Awtorità għall-Ġlieda Kontra l-Ħasil tal-Flus u l-Finanzjament tat-Terroriżmu**  9573/24
PE-CONS 35/24
Adozzjoni tal-att leġislattiv EF
approvat mill-Coreper, Parti 2, fit-22 ta' Mejju 2024

Il-Kunsill approva l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari u l-att propost ġie adottat skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (bażi legali: l-Artikolu 114 TFUE).

6. **Direttiva dwar il-mekkaniżmi li għandhom jiġu stabbiliti mill-Istati Membri għall-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-finijiet tal-ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terroriżmu**  9574/24
PE-CONS 37/24
Adozzjoni tal-att leġislattiv EF
approvat mill-Coreper, Parti 2, fit-22 ta' Mejju 2024

Il-Kunsill approva l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari u l-att propost ġie adottat skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (bażi legali: l-Artikolu 114 TFUE).

7. **Regolament dwar ir-rekwiżiti ta' kapital 3**  9576/24
PE-CONS 80/23
Adozzjoni tal-att leġislattiv EF
approvat mill-Coreper, Parti 2, fit-22 ta' Mejju 2024

Il-Kunsill approva l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari u l-att propost ġie adottat skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (bażi legali: l-Artikolu 114 TFUE).

8. **Direttiva dwar ir-rekwiżiti ta' kapital VI**  9575/24
PE-CONS 79/23
Adozzjoni tal-att leġislattiv EF
approvat mill-Coreper, Parti 2, fit-22 ta' Mejju 2024

Il-Kunsill approva l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari u l-att propost ġie adottat skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (bażi legali: l-Artikolu 53(1) TFUE).

Ġustizzja u Affarijiet Interni

9. Direttiva li temenda d-Direttiva (UE) 2019/1153 dwar l-aċċess tas-servizzi tal-infurzar tal-liġi għall-informazzjoni finanzjarja: punt ta' aċċess uniku



10046/24 + ADD 1
PE-CONS 44/24
ENFOPOL

Adozzjoni tal-att leġislativ

approvat mill-Coreper, Parti 2, fit-22 ta' Mejju 2024

Il-Kunsill approva l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari u l-att propost ġie adottat skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (bażi legali: l-Artikolu 87(2) TFUE). F'konformità mal-Protokolli rilevanti annessi mat-Trattati, id-Danimarka ma pparteċipatx fil-vot.

Dikjarazzjoni dwar dan il-punt tinsab fl-Anness.

Attivitajiet mhux leġislattivi

- | | | |
|----|---|----------|
| 3. | Konklużjonijiet dwar l-iżvilupp ta' infrastruttura tal-grilja tal-elettriku sostenibbli
<i>Approvazzjoni</i> | 10244/24 |
| 4. | Il-Komunikazzjoni RePowerEU: quo vadis?
<i>Skambju ta' fehmiet</i> | 9774/24 |
| 5. | Il-Patt Ekoloġiku Ewropew - is-sitwazzjoni attwali
<i>Skambju ta' fehmiet</i> | 9775/24 |

Affarijiet oħra

- | | | |
|----|--|----------|
| 6. | a) Prevenzjoni tal-frodi b'rabta mal-bijofjuwils
<i>Informazzjoni mid-delegazzjoni Franċiża, Ġermaniża u dik Netherlandiża</i> | 10302/24 |
| | b) L-impatti tat-tariffa tan-newtralità għall-ħżin tal-gass u l-ħtieġa għal koordinazzjoni aħjar fil-livell Ewropew
<i>Informazzjoni mid-delegazzjoni Awstrijaka, Ċeka, Ungeriża u dik Slovakka</i> | 10265/24 |

- c) **"Dikjarazzjoni - djalogu politiku annwali - Karlovy Vary" u l-ħtieġa li tissaħħaħ it-tranżizzjoni ġusta fir-reġjuni affettwati mid-dekarbonizzazzjoni**  9917/24
Informazzjoni mid-delegazzjoni Ċeka u dik Slovakka

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mid-delegazzjoni Ċeka u dik Rumena.

- d) **Termini u kundizzjonijiet tal-irkanti tal-2024 tal-Fond għall-Innovazzjoni f'dak li jirrigwarda l-produzzjoni tal-idroġenu rinnovabbli ta' oriġini mhux bijoloġika (it-tieni ċiklu ta' rkanti H2)** 10386/24
Informazzjoni mid-delegazzjoni Ungerija, Pollakka u dik Ċeka

- e) **Pjanijiet Nazzjonali għall-Enerġija u l-Klima - is-sitwazzjoni attwali**  10095/24
Informazzjoni mill-Kummissjoni

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Kummissjoni.

- f) **Sigurtà tal-enerġija u ttejjija għax-xitwa** 10100/24
Informazzjoni mill-Kummissjoni
- g) **Simplifikazzjoni tal-proċeduri għall-adozzjoni ta' mekkaniżmi ta' kapaċità fil-kuntest tar-riforma tat-tfassil tas-suq tal-elettriku** 10098/24
Informazzjoni mill-Kummissjoni
- h) **Programm ta' ħidma tal-Presidenza li jmiss**
Informazzjoni mill-Ungerija

 Dibattitu pubbliku propost mill-Presidenza (Artikolu 8(2) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill)

Dikjarazzjonijiet għall-punti leġislattivi "A" li jinsabu fid-dokument 10311/24

Dwar il-punt "A"
nru 3:

Direttiva dwar il-promozzjoni tad-dritt għat-tiswija
Adozzjoni tal-att leġislattiv

DIKJARAZZJONI KONĠUNTA MILL-ESTONJA U L-LATVJA

"L-Estonja u l-Latvja jappoġġaw l-oġettivi ewlenin tad-Direttiva li tippromwovi l-konsum sostenibbli u ttejjeb il-funzjonament tas-suq intern, u b'hekk tippromwovi l-ekonomija ċirkolari u l-protezzjoni ambjentali. Fl-istess ħin, nemmnu li l-miżuri adottati biex jintlaħqu dawn l-għanijiet għandhom joffru valur miżjud suffiċjenti u jkunu effettivi fil-prattika.

Għalkemm il-proposta inizjali tjebet sa ċertu punt (inkluż matul it-trilogi), għadna m'aħniex kompletament konvinti li l-miżuri kollha introdotti huma xierqa u meħtieġa biex jintlaħqu l-oġettivi tad-Direttiva (jiġifieri l-obbligu tal-manifattur li jsewwi u emendi għad-Direttiva dwar il-Bejgħ ta' Oġġetti trasposta reċentement). Iżda dak li tikseb il-proposta huwa **piż amministrattiv addizzjonali** għan-negozji u l-Istati Membri, u informazzjoni żejda għall-konsumaturi.

B'mod partikolari, it-tħassib ewleni tagħna mill-bidu kien u għadu l-pjattaforma online.

L-ewwel nett, m'aħniex konvinti li l-konsumatur medju jużaha biex ifittex informazzjoni dwar il-fornituri tas-servizzi tat-tiswija. Fis-soċjetà tal-lum xprunata mit-teknoloġija, il-konsumaturi diġà għandhom aċċess għal magni tat-tiftix u l-midja soċjali differenti, li huma konvenjenti biex isibu malajr u b'mod effiċjenti l-informazzjoni meħtieġa.

It-tieni nett, għalkemm inqis li l-Pjattaforma Ewropea unika hija għażla aħjar meta mqabbla ma' 27 pjattaforma nazzjonali, ninsabu mħassba dwar il-piż amministrattiv li l-ġestjoni tat-taqsimiet nazzjonali ġġib lill-Istati Membri. Għalhekk, m'aħniex favur li r-responsabbiltà li jiġi żgurat il-funzjonament tat-taqsimiet nazzjonali ta' pjattaforma għall-UE kollha titqiegħed fuq l-Istati Membri minħabba spejjeż differenti relatati mal-amministrazzjoni, ir-reġistrazzjoni u s-servizz tal-utenti. Dan huwa partikolarment oneruż għal Stati Membri iżgħar, bħall-Estonja u l-Latvja. Barra minn hekk, il-frammentazzjoni tas-suq intern tista' sseħħ fost l-UE, jekk kull Stat Membru jkollu l-possibbiltà li jimponi kundizzjonijiet għar-reġistrazzjoni u l-aċċess għall-pjattaforma. L-impożizzjoni ta' kundizzjonijiet addizzjonali tkun partikolarment ta' piż għas-sewwejjja ż-żgħar, li għalhekk ma jużawx il-pjattaforma, u b'hekk jonqsu l-kompetittività u l-viżibbiltà tal-intraprendituri ż-żgħar.

Bħala konklużjoni, aħna tal-fehma li l-iżgurar tal-funzjonament tat-taqsimiet nazzjonali tal-Pjattaforma Ewropea huwa ta' piż sproporzjonat u jwassal għal spejjeż irraġonevoli għall-Istati Membri. Għadna niddubitaw ħafna jekk pjattaforma online tipprovdi valur miżjud suffiċjenti biex tiġġustifika l-impożizzjoni ta' tali obbligu fuq l-Istati Membri. Inkunu nistgħu nappoġġaw l-introduzzjoni tal-pjattaforma Ewropea biss bil-kundizzjoni li l-Kummissjoni tkun unikament responsabbli għall-iżvilupp, il-ġestjoni u l-iżgurar tal-funzjonament tal-pjattaforma (inkluż it-taqsimiet nazzjonali).

Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, sfortunatament l-Estonja u l-Latvja ma jistgħux japprovaw it-test finali."

Dwar il-punt "A"
nru 4:

Regolament dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-finijiet tal-ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terroriżmu
Adozzjoni tal-att leġiżlattiv

DIKJARAZZJONI MILL-AWSTRIJA

"L-Awstrija ttenni l-impenn qawwi tagħha favur il-ġlieda kontra l-kriminalità finanzjarja u tappoġġa l-kompromess dwar il-pakkett leġiżlattiv. L-Awstrija tixtieq tissottolinja li l-aċċess għall-flus kontanti huwa kwistjoni importanti kemm għall-pubbliku ġenerali kif ukoll għall-inklużjoni soċjali u finanzjarja. L-Awstrija tappoġġa t-tkomplija tal-ħidma biex tissaħħaħ il-valuta legali tal-karti tal-flus u l-muniti tal-euro, inkluż fil-kuntest tan-negozjati leġiżlattivi li għaddejjin fir-rigward tar-Regolament dwar il-valuta legali."

Dwar il-punt "A"
nru 9:

Direttiva li temenda d-Direttiva (UE) 2019/1153 dwar l-aċċess tas-servizzi tal-infurzar tal-liġi għall-informazzjoni finanzjarja: punt ta' aċċess uniku
Adozzjoni tal-att leġiżlattiv

DIKJARAZZJONI MILL-KUMMISSJONI

"Fil-fehma tal-Kummissjoni, il-post xieraq biex tiġi indirizzata l-kwistjoni tal-kooperazzjoni tal-Europol mal-Unitajiet tal-Intelligence Finanzjarja fir-rigward tal-analiżi konġunta tagħhom huwa fil-kuntest tal-pakkett tal-Ġlieda Kontra l-Ħasil tal-Flus. Il-Kummissjoni tenfasizza li kwalunkwe kooperazzjoni bħal din mal-Europol se ssejth f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/794, b'mod partikolari r-regoli dwar il-kompiti tal-Europol u dwar il-protezzjoni tad-data personali stabbiliti f'dak ir-Regolament."